# Taqsira tar-Riżultati ta' l-2003

*Data* fuq l-abitudnijiet ta' żgħażagħ dwar l-alkoħol u d-droga ġiet miġbura fi tliet episodji tal-*European School Survey Project on Alcohol and Other Drugs*, ESPAD. L-ewwel studju kien sar f'26 pajjiż fl-1995. It-tieni servej sar fl-1999 u fih ipparteċipaw 30 pajjiż.

Il-qofol ta' dan il-kapitlu huwa r-riżultati mis-servejs li saru f'35 pajjiż fl-2003.

Il-pajjiżi parteċipanti jinkludu l-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, Ċipru, ir-Repubblika Ċeka, id-Danimarka, l-Estonja, il-Gżejjer Faroe, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja (6 Budesländer), il-Greċja, Greenland, l-Ungerija, l-Islanda, l-Irlanda, Isle of Man, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, l-Olanda, in-Norveġja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, ir-Russja (Moska), ir-Repubblika Slovakka, is-Slovenja, l-Isvezja, l-Isvizzera, it-Turkija (sitt ibliet), l-Ukraina u r-Renju Unit. Il-proġett huwa kollaborazzjoni bejn timijiet ta' riċerkaturi indipendenti ġejjin mill-pajjiżi parteċipanti. Aktar minn 100,000 student ipparteċipa fil-ġbir tad-*data* fl-2003.

F'dan il-kapitlu qed tiġi ppreżentata verżjoni qasira tar-riżultati ta' l-istudju ta' l-2003. Id-*data* prinċipali tal-fatturi l-aktar importanti huma ppreżentati fis-*summary tables* 1-3. L-abitudnijiet jinkludu tipjip ta' sigaretti, konsum ta' alkoħol, sakra, kif ukoll użu ta' drogi illegali.

**Metodoloġija**

Bħal ma ġara qabel fi studji simili, dawn is-servejs saru bl-istess metodoloġija u bi kwestjonarju komuni biex ikun hemm tqabbil tad-*data*. Id-*data* nġabret fir-Rebbiegħa ta' l-2003 u l-popolazzjoni mmirata kienet dik ta' studenti li twieldu fl-1987. Għalhekk, dawn ikunu għalqu 16-il sena matul is-sena tal-ġbir tad-*data*. Waqt il-ġbir, l-eta' medja kienet dik ta' 15.8-il sena. Id-*data* nġabret permezz ta' kwestjonarji amministrati fi gruppi fi skejjel fuq kampjuni ta' klassijiet rappreżentattivi tas-sitwazzjoni nazzjonali. Eċċezzjonijiet jinkludu r-Russja, fejn l-istudju kien ristrett biss għal Moska, il-Ġermanja, fejn l-istudju sar f'sitt Budesländer u t-Turkija fejn l-istudju kien ristrett għal sitt ibliet kbar fis-sitt reġjuni prinċipali fit-Turkija.

Għalliema u assistenti tar-riċerkaturi ġabru d-*data*. L-istudenti wieġbu l-kwestjonarju anonimament fil-klassi b'kundizzjonijiet simili għal test bil-miktub. Id-daqs tal-kampjuni fil-pajjiżi parteċipanti varja bejn 555 fi Greenland għal kważi 6,000 fil-Polonja. Madankollu, gruppi żgħar ta' studju ġew utilizzati f'pajjiżi żgħar fejn ma tteħdux kwoti. Fil-bqija tal-pajjiżi, id-daqs tal-kampjun kien qrib jew ftit iktar min-numru rakkomandat ta' 2,400.

Ir-riżultati tas-servej kienu rappurtati fl-istess format. Dawn ir-rapporti tal-pajjiżi jiffurmaw il-bażi tal-kontenut ta' dan ir-rapport.

**Il-kwalita' tad-*data***

Sar kull sforz biex il-metodoloġija ta' l-ESPAD tkun waħda komuni fil-pajjiżi kollha. Għaldaqstant, dejjem ikun hemm xi kwistjonijiet f'servej komparattiv ta' 35 pajjiż.

Il-validita' tad-*data* tista' titqies bħala għolja fi kważi l-pajjiżi kollha li fihom sar l-ESPAD. Il-kuntest kulturali li fih l-istudenti wieġbu l-mistoqsijiet x'aktarx li kien differenti minn pajjiż għall-ieħor. Dan iżda mhux neċessarjament jindika differenzi kbar fir-rieda għal tweġibiet ġusti. Ftit mill-pajjiżi esperjenzaw problemi żgħar ta' validita', iżda dawn il-problemi m'humiex kbar biżżejjed biex ixekklu serjament il-komparattivita' tar-riżultati.

Għal diversi raġunijiet ma kienx possibli li jingħataw livelli preċiżi ta' sinjifikat statistiku f'dan ir-rapport. Differenzi żgħar fl-estimi tal-punti deċimali bejn il-pajjiżi u maż-żmien għandhom allura jiġu interpretati b'kawzjoni. Jekk wieħed iżda jqis id-daqs tal-kampjuni nazzjonali u l-metodi ta' kwoti utilizzati, jidher li d-differenzi ta' iktar minn ftit punti perċentwali jistgħu jistqiesu b'kunfidenza bħala sinjifikanti.

**It-Tabakk**

L-użu tas-sigaretti għal 40 jew aktar tul il-ħajja u r-rata ta' prevalenza fit-30 jum ta' qabel huma ppreżentati fis-*summary tables*. Kważi fil-pajjiżi kollha ta' l-ESPAD kien hemm 50-80% ta' l-istudenti

li pejpu mill-anqas sigarett wieħed f'ħajjithom, u dawk li pejpu 40 darba jew aktar jinstabu l-aktar fejn il-prevalenza tul il-ħajja hija għolja. Fl-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Gżejjer Faroe, Greenland, il-Ġermanja, il-Litwanja u r-Russja (Moska) madwar 40% kienu pejpu 40 darba jew aktar tul ħajjithom kollha. L-inqas rati ta' prevalenza huma dawk tat-Turkija (13%), Malta (16%), l-Islanda u l-Portugall (18% kull wieħed).

Fi tmienja mill-35 pajjiż fejn sar l-ESPAD instab li kien hemm aktar subien milli bniet li pejpu 40 darba jew aktar f'ħajjithom. Dawn il-pajjiżi jinstabu l-aktar fi Lvant ta' l-Ewropa bħall-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, ir-Rumanija u l-Ukraina, kif ukoll Ċipru u t-Turkija. Differenzi kbar lejn id-direzzjoni opposta juru li aktar bniet irrappurtaw din l-imġieba prinċiparjament f'żewġ gżejjer fil-punent, Greenland u Isle of Man.

L-għola perċentwali ta' studenti li rrappurtaw li pejpu fl-aħħar 30 ġurnata instab li kien fi Greenland, li tispikka minn pajjiżi oħra fuq dan il-punt (60%). Rati għoljin instabu wkoll fl-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, ir-Russja (Moska) u r-Repubblika Ċeka (43-49%). Proporzjonijiet partikolarment baxxi nstabu f'Ċipru, l-Islanda, l-Isvezja u t-Turkija b'figuri bejn it-18 u l-25%.

Pajjiżi b'rati sostanzjalment għola ta' tipjip mis-subien fl-aħħar xhar jinkludu Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, it-Turkija, u l-Ukraina. Rati konsiderevolment għola ta' tipjip mill-bniet instabu fi Greenland, l-Irlanda, Isle of Man u r-Renju Unit.

**Il-Konsum ta' l-Alkoħol**

Il-prevalenza tal-konsum ta' l-alkoħol għal 40 darba jew aktar matul il-ħajja hija ppreżentata fis-*summary tables*. Dawn jinkludu wkoll 30 ġurnata prevalenza ta' konsum ta' alkoħol ta' 10 darbiet jew aktar, kif ukoll ta' 30 ġurnata prevalenza ta' konsum ta' birra, inbid u spirti ta' 3 darbiet jew aktar.

F'żewġ terzi tal-pajjiżi fejn sar l-ESPAD il-maġġoranza kbira (90% jew aktar) ta' l-istudenti xorbu alkoħol għall-anqas darba matul il-ħajja. Madanakollu, dawn l-istudenti m'hux kollha jixorbu fuq bażi regolari. Student li xorob għall-anqas 40 darba jista' jitqies bħala konsumatur regolari. Ir-rati tal-prevalenza ta' din il-frekwenza ta' xorb huma ħafna inqas mill-prevalenza totali ta' matul il-ħajja.

L-għola rati ta' użu ta' alkoħol ta' 40 darba jew aktar matul il-ħajja ġew irrapurtati primarjament fl-istess pajjiżi fejn hemm l-għola figuri ta' użu ta' alkoħol matul il-ħajja. Dawn jinkludu d-Danimarka, l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, Isle of Man, l-Olanda u r-Renju Unit (43-50%). L-aktar proporzjon baxx huwa dak irrapurtat mit-Turkija (7%) u wara hemm Greenland, l-Islanda, in-Norveġja u l-Portugall (13-15%).

Aktar subien milli bniet jirrappurtaw li jikkunsmaw dan il-livell ta' alkoħol. Fi ftit mill-pajjiżi, Isle of Man, il-Finlandja u n-Norveġja, id-distribuzzjoni tas-sessi hija kważi ndaqs. Madankollu, fl-ebda pajjiż ma hemm rata ta' prevalenza fost il-bniet li taqbeż dik tas-subien.

Frekwenza għola ta' użu ta' alkoħol ġiet żvelata fost l-istudenti li kkunsmaw l-alkoħol 10 darbiet jew aktar tul l-aħħar 30 ġurnata, i.e. mill-anqas kull tielet ġurnata bħala medja. Madwar kwart ta' l-istudenti fl-Olanda (25%) u madwar wieħed minn kull ħamsa fl-Awstrija, il-Belġju, Malta u r-Renju Unit (17-21%) irrappurtaw din il-frekwenza ta' użu ta' alkoħol. F'ċerti pajjiżi, din il-frekwenza ta' xorb bilkemm kienet rappurtata. Proporzjonijiet ta' 3% jew inqas instabu fil-Finlandja, Greenland, l-Islanda, in-Norveġja, u l-Isvezja. Għalhekk, il-prevalenzi baxxi ħafna huma kkonċentrati primarjament fil-pajjiżi Nordiċi.

Ħafna studenti jirrappurtaw konsum ta' birra għaldaqstant frekwenti. Il-perċentwali ta' studenti li kkunsmaw birra 3 darbiet jew iktar matul l-aħħar 30 ġurnata jvarjaw bejn l-10 u 44%. L-għola figuri jinsabu fid-Danimarka, l-Bulgarija, l-Olanda u l-Polonja (40-44%). L-iżgħar proporzjonijiet kienu rrappurtati fin-Norveġja u t-Turkija (10 u 14% rispettivament). Pajjiżi oħra fejn inqas minn 20% kellhom dan it-tip ta' konsum huma l-Finlandja, l-Ungerija, l-Islanda, u l-Portugall.

Ix-xorb tal-birra hija predominanza ta' attitudni maskili fi kważi l-pajjiżi kollha ta' l-ESPAD. L-uniċi eċċezzjonijiet huma ż-żewġ pajjiżi tan-North Atlantic, Greenland u l-Islanda, fejn kważi proporzjonijiet indaqs ta' bniet jirrappurtaw li jixorbu l-birra frekwentement.

Numru iżgħar ta' studenti kienu qegħdin jixorbu inbid milli birra matul l-aħħar 30 ġurnata. Il-proporzjonijiet ta' studenti li jirrappurtaw konsum ta' inbid ta' 3 darbiet jew aktar matul l-aħħar 30 ġurnata kienu fi kważi l-każijiet kollha inqas minn 20%. Madanakollu, pajjiż wieħed jispikka f'dan ir-

rispett, fejn terz (35%) ta' l-istudenti f'Malta rrappurtaw din il-frekwenza ta' xorb ta' inbid. Pajjiżi oħra bi prevalenzi għolja jinkludu l-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Italja, u s-Slovenja (21-23%). L-inqas proporzjonijiet li kienu rrappurtati b'din il-frekwenza ta' konsum ta' inbid instabu fil-Finlandja, l-Islanda, in-Norveġja u t-Turkija (5% jew inqas).

In-numru ta' studenti li xorbu spirti matul l-aħħar 30 ġurnata ivarja b'mod konsiderevoli bejn il-pajjiżi ta' l-ESPAD. Dan jgħodd ukoll għan-numru ta' studenti li xorbu 3 darbiet jew aktar matul l-aħħar xhar. Il-Gżejjer Brittaniċi flimkien ma' żewġ pajjiżi Mediterranji qegħdin fuq nett. L-għola proporzjon instab f'Malta, fejn 43% ta' l-istudenti rrappurtaw din il-frekwenza ta' konsum ta' spirti. Il-pajjiżi li ġew wara jinkludu il-Gżejjer Faroe, il-Greċja, Isle of Man u r-Renju Unit (37-39%).

F'madwar nofs il-pajjiżi, aktar subien milli bniet irrappurtaw din il-frekwenza ta' konsum ta' spirti. Madankollu, kważi l-istess numru ta' pajjiżi rrappurtaw rati ta' prevalenza ndaqs jew kważi ndaqs bejn is-sessi. Fi tliet pajjiżi biss il-proporzjon tal-bniet jaqbeż dak tas-subien. Dawn il-pajjiżi għandhom kollha frekwenza għolja u huma kollha parti mill-Gżejjer Brittaniċi, i.e. l-Irlanda, Isle of Man u r-Renju Unit.

**Sokor**

Il-prevalenza matul il-ħajja ta' persuna li sikret 20 darba jew aktar u 3 darbiet jew aktar fis-sakra fl-aħħar 30 ġurnata hija ppreżentata fis-*summary tables*.

Xi studenti għandhom esperjenza limitata ta' sakra, filwaqt li oħrajn ikunu intossikati iktar frekwenti. Madankollu, fi 30 mill-35 pajjiż li ġew studjati il-maġġoranza ta' l-istudenti kienu fis-sakra għallinqas darba. Il-pajjiżi bl-għola perċentwali li jindikaw 20 sakra jew aktar matul il-ħajja jinkludu d-Danimarka, l-Irlanda, Isle of Man, ir-Renju Unit, l-Estonja, u l-Finlandja (26-36%). F'pajjiżi oħra ftit biss jirrappurtaw din il-frekwenza ta' sokor. Fit-Turkija 1% biss kienu fis-sakra 20 darba jew aktar u f'Ċipru, Franza, il-Greċja u l-Portugall dan kien irrappurtat minn madwar 3% ta' l-istudenti.

Fil-maġġoranza tal-pajjiżi hemm iktar subien milli bniet li rrappurtaw dan l-ammont ta' intossikazzjoni. Fl-ebda pajjiż ma hemm il-bniet bħala maġġoranza. Madankollu, f'relattivament ħafna mill-pajjiżi d-distribuzzjoni tas-sessi hija kważi ndaqs. Dawn il-pajjiżi jinkludu iż-żewġ Gżejjer Brittaniċi u kważi l-pajjiżi Nordiċi kollha (il-Finlandja, il-Gżejjer Faroe, l-Islanda, l-Irlanda, Isle of Man, in-Norveġja, l-Isvezja u r-Renju Unit).

In-numru ta' studenti li kienu fis-sakra 3 darbiet jew aktar matul l-aħħar 30 ġurnata huwa ħafna inqas, iżda l-pajjiżi bl-għola rati kienu kważi fil-każijiet kollha l-istess. Għalhekk, fid-Danimarka u l-Irlanda madwar kwart ta' l-istudenti kienu fis-sakra dak l-ammont ta' drabi. Pajjiżi oħra bl-għola rati ta' prevalenza jinkludu Isle of Man u r-Renju Unit.
Madankollu, fi kważi nofs il-pajjiżi ta' l-ESPAD in-numru ta' studenti li rrappurtaw din il-frekwenza ta' intossikazzjoni huwa 10% jew inqas. L-aktar figuri baxxi kienu rrappurtati minn Ċipru, Franza, il-Greċja, il-Portugall u t-Turkija (1-4%).

***Binge drinking***

Il-frekwenza ta' 5 *drinks* jew iktar wara xulxin, xi drabi rreferut bħala "*binge drinking"*, huwa kejl alternattiv ta' użu qawwi ta' alkoħol. Il-proporzjon li jindika dan il-konsum 3 darbiet jew iktar matul l-aħħar 30 ġurnata jvarja ħafna bejn il-pajjiżi fejn sar l-ESPAD. Dan ġie rrappurtat minn madwar wieħed minn kull ħamsa u wieħed minn kull tlieta f'madwar nofs il-pajjiżi ta' ESPAD.

L-għola numru ta' studenti li rrappurtaw din l-imġieba kienu fid-Danimarka, l-Irlanda, Isle of Man, Malta, l-Olanda, in-Norveġja, il-Polonja, l-Isvezja u r-Renju Unit (24-32%). Għalhekk, hemm konċentrazzjoni ta' pajjiżi fil-partijiet tat-Tramuntana u l-Punent ta' l-Ewropa b'Malta bħala l-unika eċċezzjoni. Pajjiżi bl-inqas figuri ta' *binge drinking* huma Ċipru, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Islanda, ir-Rumanija u t-Turkija (5-11%).

**Drogi illeċiti**

L-użu matul il-ħajja ta' varjeta' ta' drogi illeċiti huma preżentati fis-*summary tables*, u jinkludu l-kannabis, l-amfetamini, l-LSD, l-*Ecstasy*, il-kalmanti mingħajr preskrizzjoni tat-tabib u l-użu tax-xammiema. Minnbarra dan hija nkluża wkoll it- 30 ġurnata prevalenza tal-kannabis.

Il-maġġoranza vasta ta' l-istudenti fil-pajjiżi ta' l-ESPAD kollha li ppruvaw xi tip ta' droga illeċita għamlu użu mil-mariħwana jew l-ħaxixa. Għalhekk, in-numru ta' studenti li rrappurtaw użu ta' kannabis huwa kważi identiku mat-total ta' prevalenza ta' użu ta' drogi illeċiti.

Il-pajjiż fil-quċċata f'dan ir-rigward huwa r-Reppublika Ċeka fejn 44% ta' l-istudenti għamlu użu minn mariħwana jew ħaxixa. Rati għolja ta' prevalenza kienu rrappurtati wkoll fi Franza, l-Irlanda, Isle of Man, l-Isvizzera u r-Renju Unit (38-40%). Pajjiżi oħra fejn aktar minn kwart użaw il-kannabis jinkludu l-Belġju, il-Ġermanja, Greenland, l-Italja, l-Olanda, ir-Repubblika Slovakka u s-Slovenja (27-32%).

L-inqas livelli kienu rrappurtati f'Ċipru, il-Greċja, l-Isvezja, ir-Rumanija, u t-Turkija (3-7%), iżda wkoll fil-Gżejjer Faroe, il-Finlandja u n-Norveġja (madwar 10%).

L-użu tal-kannabis matul l-aħħar 30 ġurnata jista' jindika użu regolari. Fi wħud mill-pajjiżi madwar wieħed minn kull ħames studenti jirrapporta dan, f'oħrajn ir-rata tal-prevalenza hija ħafna aktar baxxa. Il-pajjiżi bl-għola 30 ġurnata prevalenza jinkludu ir-Repubblika Ċeka, Franza, Isle of Man, l-Isvizzera u r-Renju Unit (19-22%).

F'ħafna mill-pajjiżi ta' l-ESPAD hemm iktar subien minn bniet li għamlu użu mill-kannabis. Madankollu, id-differenza bejn is-sessi hija żgħira fil-Bulgarija, il-Kroazja, Greenland, l-Ungerija, l-Islanda, l-Irlanda, ir-Russja (Moska), ir-Repubblika Slovakka u s-Slovenja.

Il-pajjiżi bl-għola perċentwali ta' studenti li rrappurtaw użu ta' amfetamini huma l-Estonja, il-Ġermanja, l-Islanda, il-Litwanja u l-Polonja (5-7%). Fi 13-il pajjiż 1% jew inqas irrappurtaw użu ta' amfetamini.

L-istudenti ta' l-ESPAD ma jagħmlux użu minn LSD b'mod frekwenti. L-għola perċentwali nstabu fir-Repubblika Ċeka u Isle of Man fejn 5-6% irrappurtaw dan l-użu.

L-*esctasy* hija l-aktar droga użata minn dawk li pparteċipaw fil-kwestjonarju apparti l-kannabis. Fir-Repubblika Ċeka 8% għamlu użu minnha, u warajha jiġu l-Kroazja, l-Estonja, l-Irlanda, Isle of Man, l-Olanda u r-Renju Unit (5-7%).

Il-kalmanti jistgħu jintużaw kemm bħala mediċina legali preskritta kif ukoll bħala droga illegali. L-użu ta' sustanzi mingħajr preskrizzjoni huwa l-aktar komuni fil-Polonja (17%) u wara fil-Litwanja (14%), Franza, u r-Repubblika Ċeka (11-13%). L-inqas rata ta' prevalenza instabet fl-Awstrija, il-Bulgarija, il-Ġermanja, l-Irlanda, l-Ukraina u r-Renju Unit (2% kull wieħed).

L-għola prevalenza ta' użu ta' xammiema ġie rrappurtat fi Greenland, fejn 22% għamlu użu minnhom. Pajjiżi oħra b'livelli għoljin ta' użu tax-xammiema jinkludu Ċipru, il-Greċja, l-Irlanda, Isle of Man, Malta u s-Slovenja. (15-19%).

Id-differenzi bejn is-sessi fejn jidħol l-użu ta' xammiema huma żgħar ħafna. Fil-maġġoranza tal-pajjiżi ma hemmx differenza bejn is-sessi, iżda fil-Belġju, Ċipru, il-Greċja, il-Portugall u l-Ukraina iktar subien minn bniet irrappurtaw din l-abitudni. Il-bniet irrappurtaw aktar użu mis-subien f'pajjiż wieħed biss, l-Irlanda.

**Konklużjoni**

Fil-qosor, it-tendenzi tal-konsum ta' l-alkoħol jiżvelaw li xorb frekwenti huwa l-aktar prevalenti fost studenti fl-Ewropa tal-punent, bħal Gżejjer Brittaniċi, l-Olanda, il-Belġju iżda wkoll fl-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka u Malta. Ftit huma l-istudenti fin-naħa ta' fuq ta' l-Ewropa li jixorbu daqshekk spiss.

Il-konsum tal-birra huwa l-aktar prevalenti fil-Bulgarija, id-Danimarka, l-Olanda u l-Polonja, filwaqt li l-konsum ta' l-inbid huwa l-aktar prevalenti f'pajjiżi tipiċi ta' produzzjoni ta' l-inbid bħall-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, il-Greċja, l-Italja, Malta u s-Slovenja. Il-konsum ta' spirti huwa inqas uniformi, b'rati ta' prevalenza f'pajjiżi differenti bħal Gżejjer Faroe, il-Greċja, l-Irlanda, Isle of Man, Malta u r-Renju Unit.

Il-prevalenza ta' sokor tidher li hija l-aktar konċentrata f'pajjiżi tal-punent ta' l-Ewropa, bħad-Danimarka, l-Irlanda, Isle of Man u r-Renju Unit. Ftit kienu l-istudenti li rrappurtaw sakra frekwenti f'pajjiżi tal-Mediterran bħal Ċipru, Franza, il-Greċja, il-Portugall, ir-Rumanija u t-Turkija.

L-użu ta' drogi illeċiti huwa ddominat mill-użu tal-mariħwana jew ħaxixa. Użu frekwenti kien irrappurtat l-aktar f'pajjiżi ċentrali jew tal-Punent tal-Ewropa, fejn aktar minn terz ta' l-istudenti għamlu użu minnha. Pajjiżi bi prevalenza għolja jinkludu r-Repubblika Ċeka, Franza, l-Irlanda, Isle of Man, l-Isvizzera u r-Renju Unit. Pajjiżi bi prevalenza baxxa huma dawk tat-tramuntana kif ukoll tan-nofsinhar ta' l-Ewropa.